# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 203/2022JPG**

**Kawza Numru : 20**

**DC**

**vs**

**DA**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' **DC**, datat 12 t'April 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta 29 ta' Gunju 2018 (DOK A) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;*

2. *Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat nhar id-9 ta' Frar 2021 fl-atti tan-nutar Francesca Cachia Zammit (Dok B);*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien minn Frar tas-sena 2020 kif indikat fil-premabolu ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni;*

4. *Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet;*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

6. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-isemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

7. *Illi l-esponenti qieghda tannetti l-affidavit taghha ma dan l-att (Dok C ).*

*Ghaldaqstant l-esponenti titolbu bir-rispett illi, a tenut tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' Ammissjoni tal-intimat DA datat 11 t'Awwissu 2022 li taqra hekk:

*Li permezz taghha bil-gurament tieghu jiddikjara, illi qed jirregistra n-nuqqas ta' oppozizzjoni tieghu ghall-hall taz-zwieg celebrat minnu u r-rikorrenti Daniela Cassar u dan stante illi ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejniethom u dan anke in vista tal-fatt illi huma ilhom separati legalment sa mis-sena elfejn u ghoxrin (2020) u minn dak iz-zmien baqghu jghixu hajjiet totalment separati;*

*Illi filfatt jigi precizat illi jikonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, ghall-hall taz-zwieg taghhom u l-pronunzjament tad-divorzju;*

*Tant ghandu l-intimat x'jissotometti a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli*

*Qorti.”*

Rat il-verbal tal-25 ta’ Mejju 2022 li permezz tieghu l-attrici stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 12);

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-intimat A tal-11 t’Awwissu 2022;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 8) illi l-partijiet zzewgu nhar fid-29 ta’ Gunju 2018 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Tghid li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment u l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt fid-9 ta’ Frar 2021. Tiddikjara li rrinunzjat ghall-manteniment filwaqt illi l-intimat ddekada mill-manteniment u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut. Tikkonferma illi ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu mhux flimkien minn Frar tas-sena 2020.

**L-intimat ikkonferma bil-gurament** (Vide Fol 13) dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2018, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1876/2018 (vide Dok A), certifikat taz-zwieg, a fol 2; u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar id-9 ta' Frar 2021 fl-atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit (vide Dok B, a fol 3 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1876/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**